MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Numru. 603/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**TERESA LUCY SCIRIHA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Teresa Lucy Sciriha ta’ 40 sena, bint John u Isabel nee Robinson, mwielda fir-Renju Unit fit-23/10/1971, detentrici tal-karta ta’ identita bin-numru 51400L u residenti gewwa Blk 4 Hse 1, Triq San Patrizju, Pembroke:

Giet akkuzata talli nhar l-10 ta’ Dicembru 2011, ghal habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu (01:30 hrs), gewwa ‘Q Bar’ li jindab fi Triq il-Vittmi Furjanii tal-Gwerra, Floriana,

volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlet hsara f'apparat tas-sound tal-imsemmi 'Q Bar', liema hsara hija izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), ghad-dannu ta' John Tanti u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u l irkostanzi ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' PS 1417, PC 1435 u PC 1357, weggghathom bi kliem, b'gesti jew kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok DZ1 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputata Teresa Lucy Sciriha m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputata Teresa Lucy Sciriha ghandha problema serja ta' abbuz mill-alcohol u jkun

ghalhekk opportun li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita' li tqieghed lill-imputata taht Ordni ta' Probation sabiex l-istess imputata tkun assistita dwar din il-problema u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati simili.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(a), 95(1), 252(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Teresa Lucy Sciriha, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Teresa Lucy Sciriha taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imsemmija imputata tkun assistita fil-problema serja li ghandha ta' abbuz mill-alcohol u li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Teresa Lucy Sciriha b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 800 li zzomm il-kwiet ma' PS 1417, PC 1435 u PC 1357 u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kullhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Teresa Lucy Sciriha.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Teresa Lucy Sciriha kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Teresa Lucy Sciriha l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------